# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

**OTTUBRU 1937]** **IS-SEBA' SENA** **[Ghadd 80**

## DUN MIKIEL XERRI

(29 Sett. 1737—1937)

*jien regħ'at u bkejt, għax rajt kemm kienet xħiħa*
*miegħek din l-Art li int ħabbejt fis-sewwa,*
*b'imħabba safja u bla nuqqas sabiħa.*

D. K.

Il-Kbar jiktbu l-istorja ta' pajjiżhom; u mitejn sena ilu, twieled Dun Mikiel Xerri, li aktar il-quddiem, fil-milja ta' rġulitu kellu jikteb b'demmu waħda mill-akbar paġni tal-Ġrajja Maltija. F'ħajtu u f'mewtu jinġabar il-kobor ta' dal-Qassis. Miet għal Malta u miet ta' qalbieni, bit-tbissima kburija quddiem il-balal qattiela ta' l-egħdewwa Franċiżi, żeblieħa tal-jeddijiet Maltin, u tad-Din Nisrani.

"Suldat ta' Franza, haw olqotni fuq qalbi". "Biex immut għal Malta jien m'għandix bżonn il-għamad."

Il-Bniedem li qal dan il-kliem kbir, iżarżar daqs l-ibwieq ta' l-allat ta' l-epiki griegi hu Malti li l-ġieħ tiegħu hu l-ġieħ tan-Nazzjon ġdida li qed tħares in-Nazzjonalità u d-Din ta' Nisilha kontra l-Egħdewwa li jdawruha. Malta għandha bżonnhom il-Qalbiena — u ma tista' tinsiehom qatt. Jekk hi tinsiehom, ħażin għaliha, għax iqumu dawn għadbana jixluha minn qabarhom.

Imma Malta li tħabrek għal Monumenti ta' nies li jifirdu l-Maltin bejniethom, billi jġelldu l-fehmiet ta' tajfa ma' dawk ta' oħra, għadha qatt ma ħasbet biex tibni Mafkar xieraq lil dal-Qassis li miet biex igħaqqadna— li miet mhux għall-pulitka tal-fehmiet maqsuma imma għal idijali li l-Maltin ma kenux u lanqas setgħu jkunu maqsumin fihom.

X'hemm aktar xieraq milli f'egħluq il-mitejn sena minn twelidu nibnu monument lil dan il-Kbir ?

Nibnuhulu u l-għanja tar-Rebħa nsemmgħuh. Ukoll lil hinn mill-qabar il-Kbar jifhmuna :

"għax tajfitna b'għamilek sfat mirquma
u, għall-qawwa li wrejt quddiem l-egħdewwa,
kienu jitkabbru bik Atene u Ruma."

D. K.

Ġ. AQUILINA